**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur John Spiteri]**

**vs**

**Charlot Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 785/15**

**Illum, 23 ta' Settembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlot Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 39582(M).

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Awwissu, 2015 u t-18 ta' Awwissu, 2015 minn gewwa l-fabbrika bl-isem ta' Aquatess Marketing Ltd, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq li huwa kkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-'hin' u bil-'persuna' ghad-detriment ta' Andrew Ellul Sullivan u/jew ta' xi persuna/i, entita` u/jew entitajiet ohra (Art 42(d)(e), Art 261 (b)(c)(d)(f), Art 264, Art 267, Art 268(a), Art 270, Art 279(b)).

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ta' Andrew Ellul Sullivan u/jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-mitejn u hamsin ewro (250) u ma teccedix l-elfejn u hames mitt ewro (2500) (Kap 9 Art 325(b)).

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 42(d)(e), Art 261(b)(c)(d)(f), Art 264, Art 267, Art 268(a), Art 270, Art 279(b) u 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu. Ghal dawn il-motivi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Il-Qorti tordna wkoll illi a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas fi zmien sitt (6) xhur is-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) lis-socjeta` Aquatess Ltd.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**